**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 297/2021 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**GERALD MANFRE'**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **GERALD MANFRE'** ta' 50 sena, iben Alexander u Dolores xebba Semple, imwieled l-Pieta', Malta nhar is-16 ta' Dicembru 1970, residenti Etoile, Triq tal-Hriereb, Msida, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 11871M, li tressaq quddiemha akkużat talli bejn il-jiem ta' nhar il-ħdax (11) ta' Marzu elfejn wieħed u għoxrin (2021) u nhar id-dsatax (19) ta' Marzu elfejn wiehed u ghoxrin (2021) gewwa Millennium Stand, Floor 2, National Stadium, Ta'Qali u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin :-

1. Seraq hames kaxxi kontenenti Covid swab test kits (standard Q Covid 19 Rapid Antigen Test) ghad-dannu tal-Malta Football Association, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-persuna

2. Ukoll talli fix-xahar ta' Marzu elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) gewwa l-gzejjer Maltin, xjentement laqa ghandu jew xtara diversi hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba titratta ta' Gerald Manfre bhala persuna recidiv ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula ;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

---

[1] Fol. 13.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli li seraq ħames kaxxi ta' kontenenti *Covid swab test kits* minn ġewwa l-klinika medika li tinsab fit-tieni sular tal-binja tal-Malta Football Association ġewwa Ta' Qali, a detriment tal-istess Assoċjazzjoni.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat seraq dawn il-kaxxi, li kienu nxtraw mill-Assoċjazzjoni fil-11 ta' Marzu 2021, f'waħda jew iktar mill-okkażjonijiet meta huwa daħal fil-klinika medika bejn it-12 u t-18 ta' Marzu 2021: teżi li hija msejsa fuq kollox fuq ir-riżultanzi ta' filmati li ttieħdu minn sistema ta' CCTV *cameras* istallati fil-binja. Il-Prosekuzzjoni tallega li f'dawn il-filmati l-imputat, li ma kienx awtorizzat jidħol fil-klinika medika, huwa kjarament identifikabbli bħala l-persuna li fit-18 ta' Marzu 2021 jidher dieħel f'żewġ okkażjonijiet fil-kamra fejn jinżammu dawn il-kaxxi u mbagħad jidher ħiereġ mill-istess kamra bil-ġakketta magħluqa u mimlija minn taħt. Qed jiġi allegat ukoll li wara ftit tal-ħin, l-imputat jidher darbtejn f'filmat ieħor b'kaxxa ta' *test kit* f'idejh fis-*security room*, li minnha ħareġ b'borża sewda u tefagħha fil-vettura tiegħu.

Mit-testimonjanza tax-xhieda u mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, jirriżulta li:-

- L-imputat fiż-żmien tal-allegat serq, kien impjegat mal-Malta Football Association bħala *security officer*[2].
- Il-Malta Football Association ("MFA") xtrat tmien (8) kaxxi, ossia mitejn (200) *swab test kit* b'kollox, fil-11 ta' Marzu 2021 għall-prezz globali ta' €2,337.30[3];

[2] Xhieda ta' Alan Mario Sant, 6 ta' Ottubru 2021.

- Dawn it-tmien kaxxi li lkoll ġew konsenjati fl-uffiċini tal-MFA[4], tpoġġew ġewwa l-klinika tal-Assoċjazzjoni wara li ġie verifikat li l-ammont ta' kaxxi konsenjati jikkorrispondi mal-ammont ta' kaxxi fl-invoice[5];
- Kull kaxxa fiha ħamsa u għoxrin swab test kits u l-kaxxa hija ta' kulur abjad bi strixxa vjola fuq ġenb wieħed u ta' daqs partikolari (ara kaxxa specimen Dok. RA1);
- Fiż-żmien in diżamina, il-klinika kienet magħluqa u skont il-protokoll viġenti tal-MFA, din kienet tinfetaħ mill-uffiċjali tas-sigurta' tal-MFA, li kellhom iċ-ċwievet tal-klinika, kull meta t-tobba tal-MFA kellhom bżonn jidħlu biex jirtiraw *swab test kits*[6];
- Dawn it-test kits kienu awtorizzati jimmaniġjawhom biss it-tobba u l-procurement officers tal-MFA[7] għaliex mill-11 ta' Marzu 2021[8] 'l quddiem, ħadd ma kellu aċċess għal dawn il-kaxxi fil-klinika ħlief tobba u *medical assistants* tal-MFA;
- Ċwievet tal-klinika kienu jinżammu mill-uffiċjali tas-sigurta' li madanakollu ma setgħux skont il-protokolla fis-seħħ dak iż-żmien, jidħlu fil-klinika ħlief biex jiftħu għat-tobba biex jirtiraw *swab test kits*;
- Fl-24 ta' Marzu 2021 meta Dr. Daniel Mckay mar jirtira numru ta' *swab test kits* mill-klinika għal użu mit-tim nazzjonali, ma nstabu l-ebda kaxxi ta' *swab test kits*[9] għalkemm fil-klinika dakinhar kellu jkun hemm erba' kaxxi ta' *swab test kits* mill-konsenja ta' tmien kaxxi[10];

---

[3] Vide fattura Dok. RA2, kull swab test kit jiswa €11.13 esklużVAT u xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021.
[4] Ara xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021.
[5] Xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021, fol. 69.
[6] Ara xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021 u xhieda ta' Dr. Daniel Stephen McKay, 13 ta' Jannar 2022.
[7] Xhieda ta' Alan Mario Sant, 6 ta' Ottubru 2021.
[8] Ara wkoll ittra Dok. AMS2, fol. 58.
[9] Ara xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021 u xhieda ta' Dr. Daniel Stephen McKay, 13 ta' Jannar 2022;
[10] Ara xhieda ta' Matthew Sciberras, 4 ta' Novembru 2021.

- L-imputat intgħaraf minn Alan Mario Sant, direttur tal-HR fil-Malta Football Association, kif ukoll mill-Ispettur Roderick Attard bħala l-persuna li tidher fil-filmati meħudin minn CCTV cameras istallati fl-uffiċini tal-MFA[11].

L-imputat meta kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija, ma wieġeb għal ebda domanda li saritlu minkejja li huwa kien għażel li jikkonsulta mal-avukat tal-fidiċja tiegħu. Madanakollu, mix-xhieda ta' Alan Mario Sant jirriżulta li meta l-imputat ġie konfrontat minnu dwar in-nuqqas tal-kaxxi, huwa ċaħad kategorikament li kien mess dawn il-kaxxi u nnega wkoll li dawn qatt ġew f'idejh[12].

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma hemm l-ebda xhud okulari li ra s-serqa sseħħ u mill-provi ma jirriżultax jekk il-kaxxi nsterqux kollha f'daqqa jew f'okkażjonijiet separati. Il-Qorti għandha quddiemha biss filmati ta' nhar il-Ħamis t-18 ta' Marzu 2021 li ttieħdu minn diversi CCTV cameras istallati madwar l-uffiċini tal-MFA, liema filmati jkopru bejniethom il-ħin bejn il-11:17 u l-12:18.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery (Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence*

---

[11] Alan Mario Sant ikkonferma wkoll illi l-USB drive kontenenti l-filmati, esebit bħala Dok. RA 5, għaddih hu personalment lill-Pulizija. Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Attard tad-29 ta' Lulju 2021 u xhieda ta' Alan Mario Sant tas-6 ta' Ottubru 2021.

[12] Xhieda ta' Alan Mario Sant, 6 ta' Ottubru 2021.

*of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [13]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li ġew esebiti fl-atti u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-awtentiċita' tagħhom anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

Alan Mario Sant fix-xhieda tiegħu identifika lill-persuna li tidher fil-filmati bħala Gerald Manfre': il-Qorti tosserva illi l-imputat huwa kollega tax-xogħol ta' dan ix-xhud li kif rajna, huwa d-direttur tal-HR fi ħdan l-MFA, b'kuntatt miegħu fuq bażi regolari fuq l-istess post tax-xoghol fejn proprju saret l-identifikazzjoni in kwistjoni. Barra dan, l-imputat ma jikkonstestax din l-identifikazzjoni u baqa' qatt ma wera li qed jiċħad li huwa l-persuna li tidher f'dawn il-filmati.

L-istess identifikazzjoni għamilha wkoll l-Ispettur Roderick Attard, identifikazzjoni li l-Qorti wkoll tqis li hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate*

[13] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

*arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[14].

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [15].

Iżda fuq kollox, il-Qorti rat hija stess il-filmati esebit fl-atti u taqbel illi l-imputat jintgħaraf faċilment f'uħud minnhom: hi kellha okkażjoni tara lill-imputat quddiemha fid-diversi seduti miżmuma fil-kors ta' din il-kawza u ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi li effettivament il-persuna li jidher f'dawn il-filmati m'huwa ħadd ħlief l-imputat Gerald Manfre'.

Il-Qorti rat dawn il-filmati mill-bidu sal-aħħar tagħhom u tosserva illi fil-filmat intestat "*32 Clinic Reception*"[16] jidher persuna li hija kjarament identifikabbli bħala l-imputat odjern, Gerald Manfre', dieħel mill-bieb tal-Millennium Clinic b'sett ta' ċwievet f'idejh fit-18 ta' Marzu 2021 fil-11:18h, fejn jibqa' dieħel fl-area tal-gym u fil-11:19h **joħroġ bis-sidrija tiegħu magħluqa kif ukoll evidentement mimlija ħafna minn taħt**. F'filmat ieħor ukoll intestat "*32 Clinic Reception*"[17], l-istess

[14] **R. vs. Caldwell and Dixon**, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**
[15] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[16] Filmat 8 fil-usb drive Dok. RA5 tat-18 ta' Marzu 2021.
[17] Filmat 9 fil-usb drive Dok. RA5.

imputat jidher reġa' dieħel fil-klinika u fil-gym fil-12:05h u meta ħareġ fil-12:07h, **is-sidrija tiegħu tidher għal darb'oħra mimlija daqs bajda minn taħt, bil-forom ta' kaxxi u jidher ukoll juża ċ-ċwievet biex jiftaħ il-bieb tal-klinika**[18]. Fl-ewwel filmat fuq il-USB drive Dok. RA5, l-istess persuna tidher dieħla ġewwa kamra deskritta minn Alan Mario Sant fix-xhieda tiegħu bħala '*security office*' fil-ħin tal-11:22h b'borża sewda f'idejha. Imbagħad, fil-12:08h jerġa' jidħol fl-istess kamra biex fil-12:13h jerġa' joħroġ bil-borża sewda din id-darba mimlija[19]. Fis-sitt filmat li jinsab fuq l-istess USB drive, fil-ħin tal-12:09h, il-Qorti osservat ukoll **persuna bl-istess statura u fattizzi tal-imputat u liebsa l-istess ħwejjeġ li l-imputat kien deher liebes fil-filmati l-oħra inqas minn minuta qabel, dieħel fis-*security room* fejn jinża' s-sidrija u f'daqqa u l-ħin jgħaddi fil-viżwali tal-camera fejn jidher li qed iżomm f'idu kaxxa bajda b'faxxa skura fuq l-iqsar ġenb. Imbagħad, fil-ħin tal-12:11h il-filmat jerġa' juri din il-persuna waqt li għadha fl-istess kamra, b'kaxxa simili f'idha.** Finalment, fl-aħħar filmat, intestat "*38 Level 0 dome*", l-istess persuna tidher ħierġa mill-binja tal-MFA b'borża sewda f'idejha u tidher ukoll iddaħħal din il-borża ġewwa vettura pparkjata fit-triq quddiem l-istess binja.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fis-sistema ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.

---

[18] Ta' min jinnota illi fit-tieni filmat fuq il-usb drive Dok. RA5, l-imputat jidher dieħel fil-lift bi ċwievet f'idejh fil-ħin tal-12:04.

[19] Ara wkoll it-tieni filmat fejn jidher ħiereġ mill-kamra bil-borża mimlija fil-12:13.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[20], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, tqis li jkun opportun li tiċċita dak li qal Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[21] fir-rigward tat-tifsira tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Stabbilit illi ġew neqsin talanqas erba' kaxxi kontenenti *Covid swab test kits* mill-Millennium Clinic tal-MFA, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, tistax tikkonkludi li dawn il-kaxxi nsterqu mill-imputat odjern, Gerald Manfre'. Kif rajna, jirriżulta mill-provi illi Gerald Manfre kien jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurta' fil-binja tal-MFA ġewwa Ta' Qali u f'din il-kariga kellu aċċess permezz ta' ċwievet għall-klinika li fiha jirriżulta li kienu jinżammu dawn il-kaxxi. Iżda fl-istess waqt, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova li turi li fost il-mansjonijiet tal-imputat bħala *security officer* dak iż-żmien kien jenħtieġ aċċess għall-klinika li, fil-perjodu in diżamina, kienet magħluqa, jekk mhux biex jakkumpanja lil xi tabib jew

[20] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.
[21] 1974 - 2 ALL ER 372.

ners tal-MFA biex jiġu irtirati *swab test kits*. Għall-kuntrarju, ix-xhieda hija konkordanti fis-sens illi l-klinika kienet magħluqa u ħadd għajr għat-tobba u *medical staff* ma kellu aċċess ħlief biex jirtira *swab test kits* minn hemm ġew, akkumpanjati minn uffiċjali tas-sigurta'. Mix-xhieda tal-procurement officer Matthew Sciberras jirriżulta illi fl-24 ta' Marzu 2021 kellu jkun hemm fil-klinika biżżejjed *swab test kits* biex jingħataw lit-tabib Dr. Daniel McKay iżda meta t-tabib aċċeda fil-klinika, ma nstabu l-ebda kaxxi.

**Huwa ppruvat ukoll mill-filmati esebiti fl-atti illi f'temp ta' siegħa bejn il-11:17h u l-12:15h fit-18 ta' Marzu 2021 ċioe' biss ftit ġranet wara l-konsenja ta' tmien kaxxi kontenenti t-*test kits* u biss ftit ġranet qabel ġie nnotat li dawn il-kaxxi sparixxew, l-istess imputat jidher dieħel waħdu biċ-ċwievet fil-klinika u ħiereġ minn hemmhekk bis-sidrija tiegħu mimilija minn taħt b'oġġetti b'forma ta' kaxxa.**

Huwa minnu illi f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet l-imputat fl-ebda ħin ma jidher jieħu xi kaxxi minn ġewwa l-klinika u fl-ebda ħin ma jidher ħiereġ mill-klinika b'xi kaxxa bħal dik esebita fl-atti, f'idejh. Iżda fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat mhux biss jidher dieħel darbtejn fil-klinika fejn kienu jinżammu dawn il-kaxxi u darbtejn jidher ħiereġ bil-ġakketta tiegħu mimlija minn taħt b'forom kwadrati – meta mix-xhieda hu stabbilit li l-klinika kienet magħluqa u li l-imputat ma kienx awtorizzat jidħol hemmhekk ħlief biex jakkumpanja xi tabib jew nurse - iżda jidher ukoll biss minuti wara fis-*security office*, f'żewġ istanzi separati, b'kaxxa bajda b'faxxa skura fuq naħa waħda biss f'idejh u dan immedjatament qabel jidher ukoll ħiereġ minn dan l-uffiċċju b'borża sewda mimlija liema borża jibqa' sejjer biha barra l-binja għal ġo vettura pparkjata barra. Minn eżami taż-żewġ filmati fuq DVD Dok. AMS1[22], jirriżulta li dawn il-kaxxi jixbħu ħafna l-forma u d-daqs partikolari tal-kaxxa esebita fl-atti u għalkemm mhux ċar jekk il-faxxa hijiex ta' kulur vjola, huwa evidenti

[22] Dawn il-filmati (DVD Dok. AMS1) jirriproduċu żewġ istanzi mill-filmat 6 fuq usb drive Dok. RA5, magħmulin ikbar, fejn l-imputat jidher għaddej b'kaxxa bajda f'idejh.

li l-kaxxa li kellu f'idu fiż-żewġ istanzi l-imputat, għandha faxxa skura fuq l-iżgħar ġenb tagħha bħall-kampjun esebit.

**Għall-Qorti dawn huma indizzji univoċi u konkordanti li fl-assjem tagħhom, magħdud ukoll il-movimenti ferm suspettużi tal-imputat fl-istess filmati, ma jħallu l-ebda dubju dettat mir-raġuni f'moħħha** dwar dak li kien qed jagħmel l-imputat u li kien l-imputat li seraq il-kaxxi minn ġewwa l-Millennium Clinic. Konvinċiment li, in mankanza ta' xi spjegazzjoni alternattiva għall-aċċess tal-imputat waħdu fil-klinika u ta' xi prova li kienu daħlu persuni oħrajn fil-klinika fil-perijodu in diżamina, kif ukoll fin-nuqqas ta' xi evidenza li turi li l-kaxxi bil-faxxa kulurita li jidhru f'idejn l-imputat ġewwa s-*security office* biss minuta jew tnejn wara li kien evidentement qiegħed jostor xi oġġetti taħt is-sidrija tiegħu huwa u ħiereġ mill-klinika, ma kienux wara kollox il-kaxxi bis-*swab test kits*, jibqa' mhux mittiefes. M'hemm xejn fil-provi li jnissel xi dubju raġjonevoli li ma kienx l-imputat il-persuna li ħadet minn ġewwa l-klinika, il-kaxxi tal-i*swab tests* li ġew rapportati nieqsa u fuq kollox **m'hemm xejn fil-provi li juri li seta' kien persuna oħra u mhux l-imputat, li seraq dawn il-kaxxi**. Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-elementi kollha tar-reat ta' serq ġew sodisfaċjentement u konklussivament ippruvati.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli bil-kwalifika tal-persuna u l-valur. In kwantu għall-aggravju tal-valur, kif rajna, Matthew Scibberas, il-addett li kien ordna l-konsenja ta' kaxxi in kwistjoni, xehed illi kien hemm erba' kaxxi mit-tmien kaxxi li kienu konsenjati fil-11 ta' Marzu 2021, neqsin mill-klinika. Mill-fattura Dok. RA2 jirriżulta li l-prezz tal-konsenja sħiħa kien ta' €2,337.30, li jfisser li l-valur ta' erba' kaxxi kien ta' €1,168.65, ammont li jeċċedi s-somma ta' €232.93 kif maħsub fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9 iżda mhux is-somma ta' €2,329.37 imsemmi fl-Artikolu 279 tal-istess Kap. 9.

Mill-provi jirriżulta wkoll li l-imputat kien jaħdem mal-Malta Football Association – dan ġie konfermat mid-direttur tal-Human Resources (HR) tal-MFA, Alan Mario Sant

fix-xhieda tiegħu. Huwa minnu li l-aħjar prova tal-impieg tal-imputat kienet tkun, bla dubju, ix-xhieda ta' rappreżentant ta' JobsPlus iżda l-Qorti tqis illi Alan Mario Sant **fil-kariga attwali tiegħu** kien effettivament persuna idonea biex jixhed dwar l-impieg ta' persuni li jaħdmu mal-MFA u l-karigi rispettivi tagħhom. In kwantu għall-imputat, Alan Mario Sant xehed li huwa kien jaħdem bħala *security officer* mal-MFA fil-perijodu meta ġie kommess is-serq għad-detriment tal-istess MFA u l-Qorti ma riskontrat l-ebda prova kuntrarja fl-atti proċesswali. Dan ifisser li dan is-serq hu kwalifikat bil-persuna kif maħsub mill-Artikolu 268(a) tal-Kap. 9 li fid-definizzjoni ta' "seftur" jinkludi kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ta' riċettazzjoni taħt l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 fl-istess data, ħin u lok tas-serq tal-kaxxi għad-dannu tal-Malta Football Association. Għall-Qorti huwa ovvju illi ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati tas-serq addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni ma jistax jinstab ħati wkoll li xjentement laqa' għandu jew xtara l-istess ħwejjeġ misruqa u konsegwentement, qiegħda tqis li t-tieni imputazzjoni ngħatat bħala alternattiva għall-ewwel waħda ta' serq. Fiċ-ċirkostanzi, stabbilita l-ħtija tal-imputat għar-reat ta' serq, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni, bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosektur, esebiet kopja ta' tliet sentenzi[23] debitament awtentikati bit-timbru u l-firma tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi. Permezz ta' dawn is-sentenzi Gerald Manfre, li għandu l-istess konnotati preċiżi tal-imputat odjern, senjatament l-istess numru tal-karta tal-identita', ġie misjub ħati ta' reati kriminali u ngħata pieni ta'

---

[23] Dok. RA7, fol. 71 sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gerald Manfre**; Dok. RA8, fol. 78, sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gerald Manfre** u Dok. RA9, fol. 81, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gerald Manfre.**

ammenda u multa kif ukoll intrabat b'obbligazzjoni taħt l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, rispettivament. Għall-Qorti dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ressqet prova biżżejjed tal-addebitu tar-reċidiva u effettivament, jirriżulta li qabel ikkommetta r-reat li qed jinstab ħati tiegħu llum, l-imputat odjern kien diġa' ġie kkundannat għal reat ieħor b'sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

Iżda fl-istess waqt l-imputat ma jistax jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 ċioe' reċidiv fir-reat ta' serq, għaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova tajba li l-imputat kien ġie kundannat qabel għar-reat ta' serq. Huwa minnu li minn eżami tal-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-imputat instab ħati u ġie kundannat fil-passat għad-delitt ta' serq, iżda huwa ritenut paċifikatament in materja illi il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu. Madanakollu, fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li effettivament ikkundanna lill-imputat għall-kommissjoni tad-delitt ta' serq.

L-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jeħtieġ li biex persuna tiġi dikjarata reċidiva taħt dan l-Artikolu, irid jiġi stabbilit li d-delitt ikun ġie kommess fi żmien ħames snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena inflitta għad-delitt li dwaru l-persuna tkun ġiet ikkundannata preċedentement. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti huwa ppruvat illi l-imputat ġie kundannat multa ta' €80 b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2014 dan bħala piena għad-delitt taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9[24]. Mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti huwa stabbilit li din il-multa tħallset, madanakollu, il-prova tad-data tal-ħlas hija nieqsa: huwa minnu li fir-rigward hemm notament fil-fedina penali iżda kif rajna, il-fedina penali ma tiswiex bħala prova tar-reċidiva u f'kull każ id-data preċiża tal-ħlas ma jirriżultax b'mod ċar minn dan id-dokument. Il-Qorti żgur mhux sejra tispekola jew tipprova tiddeċifra d-data tal-ħlas li

[24] Iż-żewġ sentenzi l-oħra esebiti mill-Prosekuzzjoni mhumiex relevanti għall-fini tar-reċidiva taħt l-Artikolu 50 għaliex is-sentenza Dok. RA7 ikkundannat lill-imputat għal reat u mhux delitt, filwaqt li s-sentenza Dok. RA9 ma waħħlet l-ebda piena.

hemm indikat fuq il-fedina penali u tqis li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar prova dwar dan l-addebitu, iżda dan ma għamlitux. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab li huwa reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 iżda sejjer jitqies bħala reċidiv biss taħt l-Artikolu 49 tal-istess Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 20, 261(ċ)(d), 267, 268(a), 279, 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GERALD MANFRE' ħati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva iżda biss taħt l-Artikolu 49 tal-istess Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah sittax (16)-il xahar priġunerija iżda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Qieghda tordna wkoll lill-ħati, GERALD MANFRE', sabiex ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrestitwixxi lil MALTA FOOTBALL ASSOCIATION, is-somma ta' elf mija u tmienja u sittin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,168.65) ossia kumpens għat-telf soffert minnha permezz tar-reat, u dan fi żmien sitt (6) xhur.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija u spjegatlu wkoll il-konsegwenzi tan-nuqqas li jikkonforma ruħu mad-direttiva għall-hlas tas-somma taht l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 fiż-żmien mogħti.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna li din is-sentenza tiġi notifikata minnufih lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**